



Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14211/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0248(NLE)**

**MAR 171
OMI 67
CLIMA 304
ENV 928**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 13816/19
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-31 sessjoni tal-Assemblea tagħha dwar l-adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq l-apparat tas-salvataġġ, u l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC)

INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed matul il-31 sessjoni tal-Assemblea tal-OMI fir-rigward ta':
 - 1) l-adozzjoni ta' emendi għar-riżoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq l-apparat tas-salvataġġ; u
 - 2) l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC)

3. L-emenda għar-risoluzzjoni A.658(16) dwar l-Użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq l-apparat tas-salvataġġ u r-risoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC), li huma mistennija li jiġu adottati matul il-31 sessjoni tal-Assemblea tal-OMI, ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2014/90/UE¹, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1397² u r-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-8 ta' Novembru u l-15 ta' Novembru 2019. Id-diskussjonijiet iffukaw prinċipalment fuq l-aspetti legali.
5. Is-Servizz Legali tal-Kunsill esprima bil-fomm l-opinjoni tiegħu dwar l-aspetti legali.

KONKLUŻJONI

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 14212/19, imħejji mill-ġuristi-lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.

¹ Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146)

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1397 tas-6 ta' Awwissu 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' disinn, ta' kostruzzjoni u ta' prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/773 (ĠU L 237, 13.9.2019, p. 1)

³ Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).